MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1479/1996/1

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-17 ta' Marzu, 1998, is-socjeta` Maltacom plc assumiet l-atti tal-kawza**

**vs**

**Diane u Alfred, konjugi Hili**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fis-17 ta' Dicembru, 1996, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-Korporazzjoni attrici s-somma disa' mija u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm920.14) rapprezentanti ammont dovut ghall-uzu

(pulses), kera, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u ‘installation charges’ in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 485375 (skond l-anness statement Dokument A) liema servizz gie nstallat fuq talba tal-konvenuti fil-fond 98, Triq tal-Ghajn tal-Hajja, Qormi, u dana skond ma kif jidher mill-anness kopja tas-‘service agreement’ Dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-Avviz, tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Gunju, 1996, t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Diane Hili fejn eccepiet:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici huma esagerati u eccessivi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi l-eccipjent m’ghamlitx it-telefonati in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza stallat wara li saret allegazzjoni mill-konvenuta illi zewgha, l-konvenut l-iehor Alfred Hili kien involut f’incident tat-traffiku fejn weggha gravament u kellhom isiru nterventi kirurgici. Fortunatament ghall-konvenuta din l-informazzjoni nghatat permezz ta’ verbal u mhux taht gurament, ghax meta xehed zewgha a Fol. 63 nnega illi kellu xi ncidenti jew kellu x’interventi kirurgici. Biss minhabba dawn il-verbali l-konvenuta rnexxielha ttawwal il-kawza ghall-anqas b’sena.

Il-Qorti ma tistax ma tiskartax din l-attitudni tal-konvenuta. Min-naha l-ohra, l-konvenut jidher illi huwa genwin u l-Qorti ma tistax ma turix certa simpatiji, izda legalment ma taghmilx differenza ladarba l-konvenuti kienu legalment mizzewga meta sar dan id-dejn. Quindi, dan id-dejn huwa gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti illi ghaliha t-tnejn huma responsabbli 'in solidum'.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuta kienet iffirmat *service agreement* ma' l-allura Korporazzjoni Telemalta fil-11 ta' Awissu, 1992. Kopja ta' dan il-ftehim qieghed a Fol. 3 tal-process. Ma giex negat mill-konvenuta jew minn zewgha illi sar dan il-ftehim u fil-fatt is-servizz damu juzawh mill-anqas xi sena u nofs. Meta bdew jigu l-kontijiet, il-konvenuta bdiet tittrasskurahom. Kien biss meta kwazi c-cifra telghet ghal kwazi elf lira Maltin (Lm1,000) illi ghamlet xi haga. Pero' xorta baqa' ma sarx il-hlas.

Il-Qorti hija sodisfatta illi ta' dan huma responsabbli l-konvenuti ladarba dan id-dejn huwa gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejnithom. Is-socjeta' attrici llum ippruvat il-kaz taghha fl-anqas dettal fejn esebit l-*itemised bill* ta' kull telefonata illi saret. Minkejja li l-konvenuti qalu li huma ma gharfux in-numri lil min saru dawn it-telefonati, jibqa' l-fatt illi t-telefonati originaw mir-residenza taghhom.

Ghalhekk huwa probabbli illi t-tnejn jew xi hadd minnhom ghamel dawn it-telefonati u allura ghandhom ikunu responsabbli.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm920.14) rapprezentanti ammont dovut ghall-uzu, kera, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u 'installation charges' in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 485375 liema servizz kien gie nstallat fuq talba tal-konvenuti fil-fond 98, Triq tal-Ghajn tal-Hajja, Qormi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuti."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Alfred Hili. Fl-ewwel lok huwa talab li jithassar id-digriet tal-ewwel Qorti tat-8 ta' Lulju 2002 fejn ma ntlaqghetx it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghall-motiv biex l-avukat gdid tieghu, nominat fuq applikazzjoni ghall-beneficcju ghall-ghajnuna legali, ikun jista' jiehu gharfien tal-process. Fit-tieni lok huwa talab li tithassar is-sentenza appellata billi jikkontendi illi d-debitu kellu jigi sopportat interament minn martu l-konvenuta l-ohra. Dan fuq l-assunt illi d-dejn gie ikkuntrattat minnha bil-mohbi tieghu. Sussidjarjament hu kellu in pessima ipotesi jigi ritenut jaghmel tajjeb biss ghan-nofs tas-somma reklamata mis-socjeta` attrici appellata.

Il-Qorti ma tarax kif dawn l-aggravji jistghu jkunu sostenibbli. Ghall-argumenti kontenuti fir-rikors ta' l-appell u sottomessi fid-dibattitu orali jirrispondu l-konsiderazzjonijiet zvolti fid-digriet u fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Kwantu ghall-ewwel aggravju ghandu jinghad illi l-Qorti inferjuri kienet gja fi stadju precedenti ghac-cahda tar-rikjesta li saritilha, ghal darba, darbtejn, ghamlitha cara illi ma kienetx ser tittollera differimenti aktar, u anzi, kienet intenzjonata zzomm ferm id-data tal-prolazzjoni tas-sentenza. Ara verbali tal-21 ta' Mejju 2002 u tal-11 ta' Gunju 2002 a fol 73 u 74 tal-process.

Huwa pacifiku illi f'materja ta' dixxiplina tal-proceduri Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament ghall-motivi gravi, dak li fil-fehma tal-Qorti certament hawn ma huwiex il-kaz. Dan ghaliex mill-provvediment tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili l-andament tal-kawza huwa sostanzjalment, anke jekk forsi mhux assolutament, imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi ohra inghad, "din il-fakolta` hija soggetta ghall-principji generali tar-raguni prattika u l-grad ta' din il-fakolta` imbaghad

tiddependi mill-gudikant, u tista' toxxilla skond il-personalita` guridika li jipposjedi l-gudikant" – "**Perit Guido Vella –vs- Dr. Emmanuel Cefai**", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1993.

Din il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza mal-appellant in kwantu seta' kien is-suggett ta' applikazzjoni rigoruza, imma gusta, tan-normi procedurali li bihom seta' ntlaqat, ma tistax ma tissottolinejax illi l-istess appellant kellu jifhem illi l-Qorti kellha d-dover li tassigura l-osservanza tal-ligi, li taccerta ruhha illi l-process gudizzjarju ma jigix intralcjat b'talbiet ta' differiment b'sorpriza, li tassigura li l-partijiet fil-kawza jagixxu fir-rispett ta' xulxin u tal-Qorti, u li, fuq kollox il-provvedimenti procedurali, li del resto huma ta' ordni pubblika, "non ammettono estensione o restrizione nella lora applicabilita` da motivi di indole privata o singolare" (**Vol XXIV pI p237**).

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet dan l-aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Ugwalment fil-kaz tat-tieni aggravju filwaqt li din il-Qorti, bhall-ewwel wahda, tissimpatizza mal-qaghda li fiha sab ruhu l-appellant, similment ma tistax imbaghad tijnora l-ligi, senjatament illi l-assi tal-komunjoni jaghmlu tajjeb ghad-debitu konnessi mal-uzu tas-servizz tat-telephone, anke jekk dan l-uzu sar minn martu u hu kien gja pprovda bil-versament ta' flejjes lill-martu biex din tissalda l-kontijiet tat-telephone.  Ara deposizzjoni tieghu a fol 63. Ammissjoni din li manifestament turi li hu kien irratifika l-uzu li martu ghamlet mis-servizz (Art 1229 Kap 16). Legalment dan jaghmlu tenut ghall-obbligi derivanti minn dak l-uzu, anke jekk issa jilmenta, forsi mhux minghajr raguni, illi martu utilizzat is-servizz f'telefonati lill-"persuna partikolari". Tali ilment pero` jista' jkollu piz fil-proceduri ta' separazzjoni bejnu u martu, essenzjalment fl-istadju tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u dwar liema jista' forsi japplika wkoll id-dispost tal-Artikolu 1331 tal-Kodici Civili.  B'danakollu di fronte ghall-kreditur, dan l-istess ilment ma jistghax jiggjovah biex jehilsu mill-obbligu tal-hlas.  Bhala konsocju fil-komunjoni tal-akkwisti huwa jibqa' responsabbli flimkien ma' martu biex jiskonta d-dejn.  Il-

kwestjonijiet interni bejnu u martu kellhom allura jitqiesu ‘res inter alios acta’ ghas-socjeta` appellata.

Ghal dawn il-motivi l-aggravji li permezz taghhom l-appellanti talab li din il-Qorti thassar id-digriet tat-8 ta’ Lulju 2002 u s-sentenza tat-12 ta’ Lulju 2002 moghtija mill-ewwel Qorti qed jigu rigettati, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------